MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1278/2004

**Ballut Blocks Services Ltd**

**vs**

**Charles Mizzi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Gunju 2004 fejn gie premess is-segwnti:-
illi b'sentenza datata 6 ta' Novembru 2001 moghtija min dan it-Tribunal wara kawza fl-ismijiet "Ballut Blocks Services Ltd vs Chamiz Services Ltd" (Avviz Numru 797/01 AE) is-socjeta attrici kienet giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' Chamiz Services Ltd fl-ammont ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltin u tlett centezmi (Lm589.03) oltre l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja u l-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali, skond l-annessa kopja ta' sentenza Dok BB1 u kopja ta' Taxxa Dok. BB2.

Illi sussegwentement, permezz ta’ skrittura privata datata 12 ta’ Frar 2003, annessa Dok. BB3, il-konvenut Charles Mizzi kkonstitwixxa ruhu bhala garanti solidali ta’ Chamiz Services Ltd a favur is-socjeta’ attrici ghall-hlas tas-sorte, l-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji dovuti ai termini ta’ l-imsemmija sentenza li sa dik il-gurnata kienu jammontaw ghal sebgha mija u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm786.99).
Ili sal-lum, mill-imsemmi ammont, il-konvenut hallas biss mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125.00) akkont u ghalhekk ghadu dovut lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm661.99) skond l-anness prospett Dok BB3.

It-Tribunal gie ghalhekk mitlub jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm661.99) flimkune mal-imghax legali u l-ispejjes gudizzjarji.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm661.99), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------